**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert Ciappara)**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Jason Abela**

Numru 144/2006

Illum 26 ta' Marzu 2019

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet[1] migjuba fil-konfront tal-imputat **Jason Abela**, ta' wiehed u tletin (31) sena, imwieled Pietà, fit-13 ta' Awwissu 1971, iben John u Sheila neé Sheriff, residenti Flat 7, Sea Breeze Court, Triq it-Turisti, Qawra u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 488971 (M)

[1] *A fol.* 14 *et seq.*.

akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fl-ahhar tliet xhur ta' qabel is-26 ta' Awwissu 2002 kif ukoll fil-5 ta' Novembru 2002 u t-tliet xhur ta' qabel:

1. forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma' kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-Sitt Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u dana bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu

101 tal-Ligijiet ta' Malta), liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu personali tieghu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali (*a fol.* 4) datat 18 ta' Marzu 2003 *ai termini* ta' Artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) li permezz taghha ordna li l-imputat sabiex jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ghal ksur tal-provedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat il-Process Verbal bin-Numru 1468/02 redatt mill-Magistrat Dr. Abigail Lofaro (*a fol.* 17 *et seq.*).

Rat il-Kontro-Ordni tal-Avukat Generali (*a fol.* 120) datata 22 ta' Frar 2008 *ai termini* ta' Artikolu 31 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) li permezz taghha ordna li l-imputat biex jigi processat quddiem din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fuq l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ghal ksur tal-provediment tal-istess Ordinanza.

Rat illi, fis-seduta tal-15 ta' April 2015 (*a fol.* 171), id-difiza talbet sabiex *ai termini* ta' Artikolu 8 tal-Att Numru 1 tas-sena 2015 il-Qorti tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga.

Rat illi, fis-seduta tal-15 ta' April 2015 (*a fol.* 171), il-Qorti kif diversament preseduta ordnat li jigi redatt *Social Inquiry Report* fil-konfront tal-imputat.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mill-Prim'Imhallef Emeritus Silvio Camilleri (*a fol.* 179 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 183), lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Semghet, fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2016, id-depozizzjoni moghtija mill-Ufficjal tal-*Probation* Anabel Bugeja (*a fol.* 187 *et seq.*) u rat is-*Social Inquiry Report* redatt minnha (Dok. "AB 1" – *a fol.* 191 *et seq.*).

Rat illi, fil-15 ta' Marzu 2017, din il-Qorti tat Digriet fejn laqghet it-talba tad-difiza sabiex din il-Qorti tigi kkonvertita f'Qorti dwar id-Droga (*a fol.* 216 *et seq.*).

Rat in-Nota tal-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga (*a fol.* 239) fejn il-Qorti giet infurmata li l-Bord kien sodisfatt bil-process ta' riabilitazzjoni tal-imputat li ntemm b'success.

Semghet, fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2018 (*a fol.* 248), lid-difiza tiddikjara li ma kellhiex aktar xi tressaq f'dan il-kaz u b'hekk ghalqet il-provi taghha b'mod definittiv.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni pprezentata fis-17 ta' Dicembru 2018 (*a fol.* 249 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tad-19 ta' Frar 2019, is-sottomissjonijiet finali bil-fomm da parte tad-difiza (*a fol.* 253 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2007, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Norbert Ciappara** (*a fol.* 45 *et seq.*) fejn spjega li f'Awwissu 2002 il-Pulizija rceviet informazzjoni li l-imputat seta' kien qed jittraffika d-droga mill-appartament tieghu. Spjega li kien ta

struzzjonijiet sabiex isiru xi osservazzjonijiet fejn fil-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' Awwissu 2002 l-imputat kien deher javvicina lil Kevin Brincat, fejn meta telaq minn fuq il-post Brincat kellu fil-pussess tieghu sustanza suspettata droga eroina li skond Brincat kien xtara minn ghand Jason Abela maghruf bhala l-Bennej. Jghid li aktar tard l-imputat gie osservat jaghmel kuntatt ma' vettura, liema vettura giet segwita mill-Pulizija u li eventwalment twaqqfet. Jispjega li din il-vettura kienet qed tinstaq minn Caroline Magri u li maghha kien hemm Helen Irene Gatt (li nstabet fil-pussess ta' sustanza kannella suspettata eroina). Jghid li Helen Irene Gatt qaltlu li l-eroina kienet ghall-uzu taghha u li kienet xtratha minn ghand l-imputat. Jispjega li fis-26 ta' Awwissu 2002, il-Pulizija lemhet lil Terry Graham li wara li twaqqaf instab fil-pussess ta' sustanza suspettata droga eroina fejn qal li d-droga kienet ghalih pero' ma riedx jghid minn fejn kien xtraha. Jispjega li l-osservazzjonijiet tkomplew u li ghall-habta tan-nofs siegha tas-26 ta' Awwissu 2002 deher Stephen Zammit jaghmel kuntatt mal-imputat li meta gie mwaqqaf instab f'pussess ta' droga eroina u li qallu li d-droga kien xtraha l-gurnata ta' qabel minn ghand l-imputat u li dakinhar kien mar biex jaghti xi flus li kien baqaghlu jaghti lill-imputat. Spjega li kemm Helen Irene Gatt u Stephen Zammit taw id-depozizzjoni taghhom quddiem il-Magistrat Dr. Abigail Lofaro. Spjega wkoll li l-imputat deher hiereg mir-residenza tieghu u saq vettura u li l-Pulizija ppruvat issegwih meta f'hin minnhom deher isuq b'velocita' eccessiva u rnexxielu jitbieghed mill-Pulizija. Jghid li sussegwentement l-imputat kien twaqqaf ma' Daniel Brincat f'vettura differenti. Jixhed li minn tfittxija li saret fir-residenza tal-imputat, il-Pulizija elevat xi pilloli DHC's, *mobile phone* u xi boroz tal-plastik li gew ezebiti u mmarkati bhala Dok. "NC". Jghid li giet informata l-Magistrat Dr. Abigail Lofaro. Jixhed li kien tkellem ma' Daniel Brincat u jghid x'qallu. Jghid li l-imputat irrilaxxa stqarrija li giet immarkata bhala Dok. "NC 1" (*a fol.* 49 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2007, xehdet ukoll **Maggur 45 Marisa Bartolo** (*a fol.* 51 *et seq.*) fejn qalet li f'Awwissu 2002 kellhom struzzjonijiet biex jaraw jekk l-imputat kienx qed jittraffika d-droga. Tghid li fil-lejl tal-25 ta' Awwissu 2002, hi flimkien ma' PS 1086, PC 10 u PC 451 marru Triq it-Turisti fejn qaghdu ghassa. Tghid li f'hin

minnhom kien mar Kevin Brincat ihabbat il-bieb fejn kien joqghod l-imputat u ftit wara li Brincat kien ghadu fiz-zona, raw lill-imputat gej ma' tfajla f'liema hin Brincat avvicina lill-imputat, l-imputat dahal fir-residenza tieghu, u wara ftit deher jaghti xi haga lil Brincat, telaq minn fuq il-post u meta gie mwaqqaf mill-Pulizija kellu fil-pussess tieghu pakkett suspettat li kien droga eroina. Tispjega li ghall-habta tal-11.30pm innutaw vettura Fiesta bajda misjuqa minn Caroline Magri u bhala passiggiera kien hemm Irene Gatt, fejn wahda mit-tfajliet dahlet gewwa, harget u dahlet fil-vettura u wara li gew segwiti u mwaqqfa, waqt li kienu qed jigu mitkellma, gie nnutat li Irene remiet borza zghira tal-plastik fejn ammettiet li kienet taghha. Tghid li z-zewg tfajliet gew arrestati u s-sustanza li kien fiha l-borza kienet suspettata li kienet droga eroina. Tixhed li l-ghada 26 ta' Awwissu 2002 f'hin minnhom kien mar Terry Graham li tela' gol-blokk tal-flats fejn kien joqghod l-imputat u wara ftit nizel. Tghid li Graham gie ntercettat u giet infurmata li fil-pussess tieghu nstabet is-sustanza suspettata droga. Tixhed li gie nnutat Stephen Zammit li baqa' fil-vettura, l-imputat hareg mir-residenza tieghu, gie nnutat javvicina din il-vettura u gie wkoll innutat jaghti xi haga lil Zammit u wara li dan telaq minn fuq il-post, Zammit nizel mill-vettura, gie nnutat jigbor xi *foil* minn gol-haxix u li minn tfittxija li saret gol-vettura u gol-*brief case* nstab ammont ta' sustanza suspettata droga eroina. Tghid x'qalilha. Tixhed li l-imputat gie nnutat jitlaq minn fuq il-post u minkejja li ppruvaw isegwuh, l-imputat harbilhom. Tixhed ukoll li aktar tard l-imputat ghadda minn quddiem ir-residenza tieghu, din id-darba bhala passiggier f'vettura ohra specifikament Honda Civic, fejn ipprova jahrab mill-Pulizija, fejn ix-xufier li kien qed isuq il-vettura dahal go vettura tal-*mobile*. Tghid li min tfittxija li saret ma nstab xejn.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2007, xehed ukoll **PC 10 Trevor Cassar Mallia** (*a fol.* 55 *et seq.*) fejn qal li fis-26 ta' Awwissu 2002 kienet qed issir osservazzjoni fuq ir-residenza tal-imputat fejn f'hin minnhom qalulhom li mal-imputat kien mar jiltaqa' certu Terry Graham. Jghid li minn tfittxija li saret fuq Terry Graham giet elevata sustanza kannella suspettata eroina. Spjega li ftit wara gew infurmati li kien mar Stephen Zammit jiltaqa' mal-imputat u wara li

gie segwit, Zammit gie osservat johrog mill-vettura u jigbor *foil* minn mal-art u li minn tfittxija li saret giet elevata borza bi trab kannella suspettata eroina. Jghid li aktar tard gew infurmati li l-imputat hareg mid-dar, u minkejja li ppruvaw isegwuh, hu harab u tilfuh, u aktar tard kien go vettura ohra Honda Civic u gie arrestat.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2007, xehed **Kevin Brincat** (*a fol.* 65 *et seq.*) fejn ikkonferma li madwar darbtejn kien xtara d-droga eroina minn ghand Jason Abela maghruf bhala l-Bennej u kien ihallsu Lm10.00 ghall-pakkett. Jghid li biex jinqeda kien icempel lil Jason Abela li kien jghidlu biex imur d-dar. Identifika lill-imputat fl-awla.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2007, xehed **PS 1086 Johan Micallef** (*a fol.* 75 *et seq.*) fejn spjega li fil-25 ta' Awwissu 2002 kellhom informazzjoni li l-imputat maghruf bhala l-Bennej kien qed jittraffika d-droga minn gewwa r-residenza tieghu. Jghid li flimkien ma' membri ohra tad-*drug squad*, fosthom WPS 45 u PC 10 marru fl-inhawi tar-residenza tal-imputat li tinsab gewwa Triq it-Turisti u ghall-habta tad-9.30pm raw lil Kevin Brincat ihabbat fil-blokka flats fejn jghix l-imputat. Jghid li Brincat dahal u hekk kif hareg gie mwaqqaf fejn fil-kartiera tieghu nstab qartas tal-karti. Jghid aktar tard ghall-habta tal-11.30pm giet imwaqqfa Irene Gatt li rawha diehla fil-blokka flats in kwistjoni fejn instab qartas suspettat eroina. Jghid li l-ghada marru fuq il-post fejn kien hemm PC 445 qieghed *observation* fejn qalilhom li kien hemm certu Charles Graham li kien ghadu kif dahal fil-blokka appartamenti tieghu, gie mwaqqaf minnu (minn PS 1086) u minn PC 10 fejn instab li kien fil-pussess ta' l-eroina. Jixhed li wara li l-imputat hareg mill-appartament tieghu, ippruvaw iwaqqfuh bil-vetturi taghhom pero' harbilhom u wara li marru jistennewh fejn ir-residenza tieghu, x'hin wasal ghamlulu tfittxija fir-residenza tieghu u haduh il-Kwartieri Generali ghal iktar investigazzjoni.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2007, xehed l-i**Spettur Nezren Grixti** (*a fol.* 78 *et seq.*) fejn spjega li fis-7 ta' Novembru 2002 kien investiga lil Terry Graham meta kien stqarr mieghu li f'dak il-perjodu kien jixtri d-droga minn ghand certu wiehed Jason Abela maghruf bhala l-Bennej. Jghid li Graham irrilaxxa stqarrija li giet guramentata.

In kontro-ezami, li sar fis-seduta tal-15 ta' April 2015 (*a fol.* 173 *et seq.*), ikkonferma dak li xehed in ezami fl-10 ta' Lulju 2007. Jaqbel li sussegwentement ghal din l-istqarrija ta' Graham, hu kien interroga u nvestiga wkoll lil Jason Abela. Ikkonferma li l-imputat kien tah informazzjoni relattiva ghal finijiet tax-xoghol taghhom fi hdan id-*Drug Squad*. Ta aktar dettalji dwar fiex kienet tikkonsisti din l-informazzjoni.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2008, xehed **l-iSpizjar Mario Mifsud** (*a fol.* 98 *et seq.*) fejn ipprezenta r-rapport redatt minnu liema rapport gie mmarkat bhala Dok. "MM" (*a fol.* 100 *et seq.*), f'liema rapport wasal ghal diversi konkluzjonijiet li ser isiru riferenza ghalihom aktar il-quddiem.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2008, xehed ukoll **Terry Graham** (*a fol.* 112 *et seq.*) fejn ikkonferma li kien hemm proceduri kriminali kontra tieghu minhabba li kien inqabad b'zewg grammi eroina, liema proceduri jghid li gew fi tmiemhom. Ma jiftakarx ezatt meta nqabad b'dawn iz-zewg grammi pero' jahseb li kien fis-sena 2002. Mistoqsi jghid minn fejn gab dawn iz-zewg grammi, jghid li gabhom dakinhar stess li nqabad minn ghand l-imputat li gie identifikat fl-awla. Mitlub jghid x'kienet id-droga li hu (Graham) gie nvestigat fuqha, jghid: *"Ma niftakarx ezatt"* (*a fol.* 114). Jghid li hu *heroin addict*. Mistoqsi jghid jekk jiftakarx dakinhar f'Awwissu minn ghand min kien xtara d-droga, wiegeb fin-negattiv. Ghad-domanda tal-Qorti kif diversament preseduta jekk dak inhar li nqabad kinitx l-unika darba li kien xtara minn ghand Jason, wiegeb fl-affermattiv.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2016, xehdet l-**Ufficjal tal-*Probation* Anabel Bugeja** (*a fol.* 187 *et seq.*) waqt liema depozizzjoni pprezentat is-*Social Inquiry Report* (Dok. "AB 1" – *a fol.* 191 *et seq.*) redatt minnha.

In kontro-ezami tispjega li rrizultalha li l-imputat kellu dipendenza akuta fuq id-droga eroina u li fil-passat kien qed jigi segwit minn bosta Ufficjali tal-*Probation*. Tghid li tant kien gravi l-vizzju tal-imputat, li l-imputat tilef kull sens ta' stabilita', tilef il-familja u anke

l-proprjeta' li kellu. Tghid li meta l-imputat kien qed jigi segwit mill-Ufficjal tal-*Probation* Carmen Borg, din irriferitu ghand Psikjatra li ddetermina li l-imputat kien ibghati minn ADHD u spjegat li l-imputat gie *diagnosed* fi stat vera tard u li l-hsara kienet lahqet saret.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2016, xehed **Dr. Joseph Spiteri** (*a fol.* 209 *et seq.*) fejn spjega li ilu jaf lill-imputat fuq bazi professjonali ghal aktar minn ghaxar snin tul liema zmien ltaqa' mieghu diversi drabi. Jghid li llum il-gurnata l-istat mentali tal-imputat tjieb hafna u li jinstab stabbli hafna. Spjega x'tip ta' problemi kien qed jaffaccja l-imputat, fosthom paranoia u dipressjoni. Jghid x'ippreskriva bhala trattament ghall-imputat.

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2018, xehdet **Joanne Buhagiar Fiott** (*a fol.* 241) fejn ikkonfermat in-Nota tal-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga f'liema Nota l-Bord informa lill-Qorti li l-Bord kien sodisfatt bil-process ta' riabilitazzjoni tal-imputat li ntemm b'success (*a fol.* 239). Ezebiet dokument li gie mmarkat bhala Dok. "JBF 1" (*a fol.* 243 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2018, xehdet **Maria Ruth Ciantar** ((in rapprezentanza tar-Registratur Qrati u Tribunali Kriminali – *a fol.* 246) fejn infurmat lill-Qorti li l-unika kawza li l-imputat kellu pendenti kienet dik odjerna. Ezebiet dokument li gie mmarkat bhala Dok. "MRC 1" (*a fol.* 247).

**Ikkunsidrat**

**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti processwali jirrizulta li f'Awwissu 2002 il-Pulizija kienet irceviet informazzjoni li l-imputat seta' kien qed jittraffika d-droga mill-appartament tieghu. Jirrizulta li minhabba f'hekk saret osservazzjoni fejn ix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni spjegaw

x'raw lill-imputat jaghmel, ma' min iltaqa', x'inghad minn dawk li gew imwaqqfa wara li kienu ghamlu kuntatt mal-imputat, x'instab fuqhom u x'gie elevat.

Illi eventwalment gew intavolati l-proceduri odjerni fil-konfront tal-imputat u l-imputat gie akkuzat b'pussess aggravat tad-droga eroina u li forna jew ipprokura l-imsemmija droga. Da parte taghha, fis-sottomissjonijiet finali taghha d-difiza taghmel diversi sottomissjonijiet ghala skond hi l-imputat ma ghandux jigi misjub hati tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tieghu.

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet *per se* addebitati fil-konfront tal-imputat, il-Qorti hija tal-fehma li jkun opportun li f'dan l-istadju jsiru konsiderazzjonijiet fir-rigward tal-istqarrija rilaxxata mill-imputat (Dok. "NC 1" – *a fol.* 49 *et seq.*) u fir-rigward tat-talba ta' difiza kif verbalizzata fis-seduti tat-23 ta' Settembru 2014 (*a fol.* 167) u tal-11 ta' Novembru 2014 (*a fol.* 168) sabiex d-depozizzjonijiet ta' Helen Irene Gatt (*a fol.* 25 *et seq.*) u Stephen Zammit (*a fol.* 33 *et seq.*) *"jigu sfilzati minn dawn l-atti u/jew meqjusa inammissibbli stante li minn imkien ma jirrizulta li dawn xehdu fil-kors tal-Istruttorja"* (*a fol.* 167).

**<u>Stqarrija (Dok. "NC 1" – *a fol.* 49 et seq.)</u>:**
Jirrizulta li l-imputat irrilaxxa l-istqarrija tieghu f'Awwissu 2002 u ghalhekk fi zmien meta l-ligi Maltija ma kinitx tippermetti li persuna arrestata tikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogazzjoni taghha mill-Pulizija. Fil-fatt dan id-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010.

Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fit-12 ta' Jannar 2016 fil-kaz **Mario Borg vs. Malta**, gie ritenut hekk:

> *"The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force*

*(see, for example, Salduz, cited above, § 56;* ***Navone and Others v. Monaco****, nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11, §§ 81-85, 24 October 2013;* ***Brusco v. France****, no. 1466/07, § 54, 14 October 2010; and* ***Stojkovic v. France and Belgium****, no. 25303/08, §§ 51-57, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example,* ***Dayanan v. Turkey****, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009;* ***Yeşilkaya v. Turkey****, no. 59780/00, 8 December 2009; and* ***Fazli Kaya v. Turkey****, no. 24820/05, 17 September 2013).*

*[…]*

*It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56)".*

Illi f'dan il-kaz ghalhekk il-Qorti Ewropea kkonkludiet li kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 6(3)(c) flimkien mal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.

Illi fis-sentenza moghtija fil-25 ta' Frar 2016, il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Camilleri**, fejn l-appellant ikkontesta l-ammissibilita` tal-istqarrija rilaxxata minnu fis-sena 2002, *stante* illi l-ligi ma kinitx tipprovdilu d-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju tieghu, il-Qorti wara li rreferiet fit-tul ghas-sentenza appena citata u rriferiet ukoll ghall-kaz ta' **Aleksandr Vladimirovich Smirnov vs. Ukraine**, deciz fit-13 ta' Gunju 2014, qalet hekk:

"allura jidher illi r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat ma' l-Artikolu 6(3)(c) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni tal-Pulizija, sakemm ma jigix ippruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt

ghandu jigi ristrett. Illi allura meta l-ligi domestika teskludi dan il-jedd u dan b'mod sistematiku billi ma jkunx hemm disposizzjoni *ad hoc* li taghti dan il-jedd lil persuna arrestata, ikun hemm il-periklu li jsehh lezjoni tad-dritt tal-persuna akkuzata ghal smiegh xieraq anke f'dawk il-kazijiet estremi fejn ma jkun hemm l-ebda dikjarazzjoni inkriminanti f'dawn l-istqarrijiet. Illi fil-kaz deciz quddiem il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Navone vs. Monaco**, instab li kien hemm lezjoni billi l-akkuzat ma kellux jedd ghall-assistenza ta' l-avukat matul l-interrogazzjoni similment billi l-ligi tal-pajjiz ma kinitx tippermettieha. (Ara wkoll **Yesilkaya vs. Turkey** – 59780/00 08/12/2009, **Fazli Kaya vs. Turkey** – 24820/05 17/09/2015).

Dan il-jedd gie anke estiz fil-kaz fejn l-akkuzat kien gie moghti il-jeddijiet kollha vigenti skont il-ligi ta' pajjizu inkluz allura il-jedd tieghu ghas-silenzju u fil-fatt huwa kien ezercita dan il-jedd u ma wiegeb ghall-ebda mistoqsija lilu maghmula. Il-Qorti xorta wahda sabet li kien hemm vjolazzjoni ta' l-Artikolu 6(3)[2] u dan ghaliex ma kienx ikkonsulta ma' avukat biex ifissirlu il-jeddijiet tieghu skont il-ligi dwar id-dritt tieghu ghas-silenzju u d-dritt li ma jinkriminax ruhu b'dan ghalhekk illi l-Qorti mplikat illi t-twissija moghtija mill-ufficjali investigattiv ma hijiex bizzejjed."

Imbaghad il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet ukoll:

"Illi allura hija fis-setgha ta' din il-Qorti u dan qabel ma jigi determinat il-process gudizzjarju kontra l-appellanti illi twarrab dik l-evidenza illi tmur kontra l-garanziji moghtija kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni ghal harsien tal-jedd ghal smiegh xieraq tal-persuna akkuzata. Fil-fatt dan il-jedd gie ndikat fid-decizjoni tal-Qorti Ewropea fil-kaz **Dimech vs. Malta**[3] fejn f'dak il-kaz

---

[2] Hawnhekk il-Qorti rreferiet ghal kaz fl-ismijiet **Dayanan vs. Turkey**, deciz fit-13 ta' Ottubru 2009.
[3] 34373/13, deciz fit-2 ta' Lulju 2015.

ghalkemm il-Qorti ma setghetx tasal biex tistabbilixxi jekk kienx sehh lezjoni ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni billi l-proceduri penali kienu ghadhom ma ntemmux, madanakollu sahqet:

*"it cannot be entirely excluded that the Courts of Criminal Jurisdiction, before which the case is heard, hear the case in the same circumstances that would have existed had the right to legal-assistance during pre-trial stage not been disregarded, namely by expunging from the records the relevant statements. The Court notes that, if, because of the limitations of the applicable criminal procedural law, it is not possible given the stage reached in the pending proceedings, to expunge from the records the relevant statements (whether at the request of the applicant or by the Courts of Criminal Jurisdiction of their own motion), it cannot be excluded that the legislature take action to ensure that a procedure is made available at the earliest opportunity for this purpose."*

F'dak il-kaz, il-Qorti tal-Appell Kriminali qieset ghalhekk illi ghalkemm l-appellant ma wegibx ghad-domandi kollha li kienu sarulu fil-kors tal-interrogatorju tieghu, huwa kien wiegeb ghal xi domandi li gew ikkunsidrati mill-Ewwel Qorti meta giet biex tiddetermina l-htija tal-istess appellant. Fil-fehma tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fid-dawl tad-decizjonijiet minnha citati, dan ma setax isir u ghaldaqstant iddecidiet illi tiskarta l-istqarrija tal-appellant bhala prova.

Isegwi li, fil-kaz odjern, la darba l-istqarrija tal-imputat ttiehdet minghajr id-dritt ghall-parir legali in forza ta' restrizzjoni sistematika ta' dan id-dritt u la darba tali prova ttiehdet minghajr il-garanziji moghtija mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea ghall-harsien tal-jedd ghal smiegh xieraq ta' persuna akkuzata, din l-istqarrija ma tistax tigi meqjusa bhala prova ammissibbli u kwindi l-Qorti ser tiskartaha. Naturalment, dan japplika wkoll ghal kull stqarrija li jkun ghamel l-imputat minghajr ma jkun gie moghti dan id-dritt, inkluz ghalhekk kull stqarrija verbali li jkun ghamel lill-Ufficjal Investigatur, fl-istadju tal-investigazzjoni u mhux biss l-istqarrija li titnizzel bil-miktub ghaliex l-istess ragunament japplika

ghal tali stqarrija wkoll. Fil-kaz odjern, ghalhekk, il-Qorti ser tiskarta bhala inammissibli l-istqarrija rilaxxata mill-imputat kif ukoll ix-xiehda tal-Ufficjal Prosekutur in kwantu din tirreferi ghal dak li stqarr l-imputat waqt l-investigazzjoni.

**Stqarrija Guramentata ta' Helen Irene Gatt u Stephen Zammit**:
Illi l-Qorti tinnota li l-Process Verbal ezebiet fl-atti processwali jikkontjeni, fost l-ohrajn, l-istqarrijiet guramentati ta' Helen Irene Gatt (*a fol.* 29 *et seq.*) u ta' Stephen Zammit (*a fol.* 37 *et seq.*), liema stqarrijiet gew guramentati quddiem il-Magistrat Dr. Abigail Lofaro.

Illi jirrizulta li minkejja li saru tentattivi sabiex Helen Irene Gatt u Stephen Zammit jitressqu bhala xhieda f'dawn il-proceduri, jirrizulta li huma qatt ma xehdu f'dawn il-proceduri. Id-difiza talbet li d-depozizzjonijiet taghhom kif kontenuti fil-Process Verbal (*a fol.* 17 *et seq.*) jigu sfilzati u/jew dikjarati bhala inammissibbli.

Illi jirrizulta li d-difiza giet prekluza milli taghmel domandi lil Helen Irene Gatt u Stephen Zammit. Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Matthew John Migneco** deciza fit-8 ta' April 2010. Il-Qorti taghmel riferenza wkoll ghas-sentenza moghtija fis-26 ta' Mejju 2003 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Pierre Gravina** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

> "Issa, huwa principju generali li "…ix-xhieda ghandhom dejjem jigu ezaminati fil-Qorti u viva voce" (Artikolu 646(1), Kap. 9). Ghal din ir-regola, pero`, hemm certi eccezzjonijiet li jipprovdi ghalihom l-istess Artikolu 646 fis-subartikoli li jigu wara s-subartikolu (1). Hemm ukoll l-eccezzjoni tad-deposizzjoni mehuda in segwitu ghall-hrug ta' ittri rogatorjali bil-procedura traccjata fl-Artikolu 399 tal-Kodici Kriminali, procedura li giet ritenuta applikabbli anke ghal kawzi sommarji (ara **Il-Pulizija v. Angelo Grima** App. Krim. 18 ta' Ottubru, 1952), u li fil-prattika giet ukoll applikata mill-Qorti Kriminali f'xi kazijiet wara l-hrug tal-Att ta' Akkuza. U hemm l-eccezzjoni ta' meta xhud

jinstema' f'daru minhabba mard jew xjuhija (Art. 647, Kap. 9). Jigi osservat li anke fil-kaz ta' xiehda permezz ta' rogatorji u ta' xhieda li jinstemghu f'darhom, l-imputat jew akkuzat ghandu dejjem il-jedd li jkun prezenti waqt is-smigh tax-xhud jew li jahtar rappresentant tieghu ghal waqt tali smiegh – Art. 647(3) u 399(2). L-ewwel sentenza tal-Artikolu 30A tal-Kap. 101 taghmilha cara li dak l-Artikolu qed jipprovdi ukoll eccezzjoni, <u>pero` mhux eccezzjoni ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 646(1) tal-Kodici Kriminali izda ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 661[4] ta' l-istess Kodici</u>. Minn dan isegwi, li anke meta l-Prosekuzzjoni tkun trid taghmel uzu minn dikjarazzjoni guramentata mehuda skond l-imsemmi Artikolu 30A, ir-regola ghandha tkun li min ikun ghamel dik l-istqarrija ghandu jingieb fil-Qorti biex l-imputat jew akkuzat ikun jista' jikkontroezaminah dwarha. S'intendi, dan ma jfissirx li jekk ix-xhud, meta jigi ezaminat jew kontro-ezaminat, ibiddel jew jirritratta minn dak li jkun qal fid-dikjarazzjoni guramentata, allura dik id-dikjarazzjoni (jew il-parti mibdula jew ritrattata) ma tkunx aktar tista' tittiehed bhala prova kontra l-akkuzat; il-Gudikant jista' xorta wahda, wara li jkun sema' lix-xhud, jasal ghall-konkluzjoni li l-verita` hija dik kontenuta fl-istqarrija guramentata u mhux dak li jkun iddepona fil-Qorti x-xhud. Ifisser biss li, bhala regola, min ikun ghamel tali stqarrija guramentata ghandu jingieb il-Qorti ghall-fini ta' kontroll da parti tal-akkuzat jew imputat. F'dan is-sens ukoll esprimiet ruhha l-Qorti Ewropea fil-kawza **Kostovski v. Netherlands** (20 ta' Novembru, 1989) meta qalet li d-dritt ta' akkuzat li jikkonfronta xhud migjub kontra tieghu

***"does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in Court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a***

[4] "661: *"Konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha, u mhix ta' pregudizzju ghal ebda persuna ohra"*."

***rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings"***[5].

Fil-kaz in dizamina Mentosa la gie prodott mill-Prosekuzzjoni fil-Qorti peress li kien telaq minn Malta definittivament, u anqas ittiehdet id-deposizzjoni tieghu permezz tal-procedura tar-rogatorji. L-ewwel Qorti, ghalhekk, kellha tiskarta l-istqarrija guramentata tieghu u mhux, kif effettivament ghamlet, tistrieh in parti fuqha. Sfortunatament il-ligi ma tipprovdix ghal dak li jista' jsir f'kaz bhal dak in ezami meta l-persuna li tkun ghamlet l-istqarrija guramentata skond l-Artikolu 30A tmut, jew ma tkunx tista' tinstab, jew ma jkunx ragonevolment prattikabbli li tinstema' permezz ta' rogatorji[6]. Ghalhekk dana l-ewwel aggravju tal-appellant qed jigi akkolt".

Illi, mehud in konsiderazzjoni dak li nghad hawn fuq, u tenut kont tal-fatt li Helen Irene Gatt u Stephen Zammit qatt ma xehdu f'dawn

---

[5] "(1990) 12 E.H.R.R. 434, para. 41."

[6] "Ghal kull buon fini l-Qorti tosserva li l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea ma teskludix l-ammissibilita` ta' stqarrijiet maghmula minn persuni li in segwitu qatt ma jingiebu bhala xhieda fil-process. Dak li dik il-Qorti tara biex tiddetermina jekk kienx hemm jew le smigh xieraq hu jekk dawk l-istqarrijiet kienux l-unika prova kontra l-akkuzat, jew kienux altrimenti prova determinanti biex huwa jinstab hati. Ara f'dan is-sens Ben Emmerson u Andrew Ashworth ***Human Rights and Criminal Justice*** Sweet & Maxwell (London) 2001: *"What appears from these and other decisions is a complex mixture of at least three major factors. First, the Court's chief concern is the fairness of the trial as a whole: the defendant's right to "confront" or cross-examine every Prosecution witness is important, but not absolute. Or, to express the point differently, reliance on pre-trial witness statements is not contrary to the Convention, so long as the rights of the defence are respected. Secondly, the Court's judgment on overall fairness is much affected by the significance of the written or reported statements for the Prosecution case: it is fairly clear that a trial would be unfair if the conviction rested "solely or mainly" on the disputed statement, but in some decisions the test is expressed in terms more favourable to the defence. Thus in Ludi v. Switzerland the Court thought it sufficient to render the trial unfair that the written evidence had "played a part" in the conviction. However this may be explained by the third factor: that the Court has regard to the practical possibility of according greater recognition to defence rights than was done at the trial. In other words, there are some cases where the impracticability of producing the witness at the trial might lead the Court to adopt a more flexible approach to Article 6(3)(d) (as, for example, in Artner v. Austria, where the witness had gone missing and was untraceable; or in Asch v. Austria, where the witness exercised her right not to testify). But the national court should always look for alternative safeguards. As the Court put it in Van Mechelen v. Netherlands, "any measures restricting the rights of the defence should be strictly necessary. If a less restrictive measure can suffice then that measure should be applied"*. (para. 15-114, 15-115, pagna 465)."

il-proceduri, il-Qorti m'hijiex ser tiehu in konsiderazzjoni l-istqarrijiet guramentati taghhom kif kontenuti fil-Process Verbal (*a fol.* 17 *et seq.*) u b'hekk tiddikjara tali stqarrijiet bhala inammissibbli.

Illi l-Qorti ser issa tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat.

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Forna jew Ipprokura d-Droga Eroina)</u>:**

Illi fl-ewwel (1) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat talli forna jew ipprokura d-droga eroina u dana *"fl-ahhar tliet xhur ta' qabel is-26 ta' Awwissu 2002 kif ukoll fil-5 ta' Novembru 2002 u t-tliet xhur ta' qabel"*.

Illi l-atti processwali jikkontjenu s-segwenti:

- Maggur 45 Marisa Bartolo spjegat li fil-lejl tal-25 ta' Awwissu 2002 kienet qed taghmel osservazzjoni fi Triq it-Turisti flimkien ma' PS 1086, PC 10 u PC 451. Spjegat li rat lil Kevin Brincat ihabbat il-bieb fejn kien joqghod l-imputat, rat ukoll lill-imputat gej, f'liema hin Brincat avvicina lill-imputat, l-imputat dahal fir-residenza tieghu, u wara ftit deher jaghti xi haga lil Brincat li telaq minn fuq il-post. Tispjega li meta Brincat gie mwaqqaf mill-Pulizija huwa kellu fil-pussess tieghu pakkett suspettat li kien droga eroina. Tixhed ukoll li l-ghada 26 ta' Awwissu 2002 deher Terry Graham tiela' gol-blokk tal-flats fejn kien joqghod l-imputat u wara ftit nizel u li meta Graham gie ntercettat, fil-pussess tieghu nstabet is-sustanza suspettata droga.

- PS 1086 Johan Micallef spjega li fil-25 ta' Awwissu 2002 mar flimkien ma' WPS 45 u PC 10 fl-inhawi tar-residenza tal-imputat sabiex jaghmlu osservazzjoni fejn ghall-habta tad-9.30pm gie nnutat Kevin Brincat ihabbat fil-blokka flats fejn jghix l-imputat. Jispjega li Brincat dahal u hekk kif hareg gie mwaqqaf fejn fil-kartiera tieghu nstab qartas tal-karti.

- PC 10 Trevor Cassar Mallia xehed kif fis-26 ta' Awwissu 2002 kienet qed issir osservazzjoni fuq ir-residenza tal-imputat fejn

minn tfittxija li saret fuq Terry Graham giet elevata sustanza kannella suspettata eroina.

- Kevin Brincat ikkonferma li ghal madwar darbtejn kien xtara d-droga eroina minn ghand l-imputat u li kien hallsu Lm10.00 ghall-pakkett. Zied jghid li biex jinqeda kien icempel lil Jason Abela li kien jghidlu biex imur d-dar.

- Fir-rapport tieghu ("MM" – *a fol.* 100 *et seq.*), l-iSpizjar Mario Mifsud ikkonkluda s-segwenti:

  a) "Li l-10 pilloli bojod ta' ghamla tonda, li kien hemm fil-bott tal-plastik abjad fid-dokument 039/07/01, instabet fihom is-sustanza *Guaifenesin*. Is-sustanza *Guaifenesin*, li tintuzaw bhala *mucolytic*, mhix ikkontrollata bil-Ligi;

  b) Li t-13-il pillola ta' lewn il-krema u ta' ghamla ovali, li kien hemm fil-bott tal-plastik abjad fid-dokument 039/07/01, gew identifikati bhala dawk tal-*Revia* (*Naltrexone hydrochloride*) ta' doza ta' 50mg. Is-sustanza *Naltrexone hydrochloride*, li tintuza bhala *opioid antagonist*, mhix ikkontrollata bil-Ligi;

  c) Li t-03 pilloli ta' lewn il-krema u ta' ghamla tonda, li kien hemm f'bicca minn *blister pack* fid-dokument 039/07/01, gew identifikati bhala dawk tal-*Valium* (*Diazepam*) ta' doza ta' 5mg. Is-sustanza *Diazepam*, li tintuza bhala *tranquilliser*, hija kkontrollata bil-Ligi taht it-Tielet Skeda Parti B tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta;

  d) Illi fis-37-il pillola ta' lewn abjad u ta' ghamla ovali, li kien hemm f'zewg bottijiet tal-plastik abjad fid-dokument 039/07/01, gew identifikati bhala dawk tal-*Dihydrocodeine* ta' doza ta' 60mg. Is-sustanza *Dihydrocodreine*, li tintuza bhala *narcotic analgesic*, hija

kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima II tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

e) Illi fil-bicca *foil* irrumblata li kien hemm fid-dokument 039/07/01 instabu fiha tracci tas-sustanza Herojina. Is-sustanza Herojina hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta" (*a fol.* 104 u 105).

- Minkejja li fis-sottomissjonijiet taghha, id-difiza tissottometti s-segwenti: *"Mill-atti jirrizulta wkoll illi dan il-kaz ta' Nezren Grixti fil-fatt sehh fis-7 ta' Novembru tas-sena 2002 u din tirrizulta mid-depozizzjoni ta' Nezren Grixti stess"* (*a fol.* 255) u aktar tard tghid ukoll: *"Skond Nezren Grixti dan il-kaz ta' Terry Graham sehh fis-7 ta' Novembru tas-sena 2002"* (*a fol.* 255), il-Qorti tinnota li dawn is-sottomissjonijiet appena kwotati ma jirriflettux ezatt dak li nghad mill-iSpettur Nezren Grixtri u dana *stante* li l-iSpettur Nezren Grixti xehed li fis-7 ta' Novembru 2002 **kien investiga** lil Terry Graham. Huwa jkompli jghid ukoll li Terry Graham kien stqarr mieghu li **f'dak il-perjodu** kien jixtri d-droga minn ghand certu wiehed Jason Abela maghruf bhala l-Bennej.

- Meta Terry Graham gie mistoqsi jghid minn fejn gab iz-zewg grammi eroina li kellu, jghid li gabhom dakinhar stess li nqabad minn ghand l-imputat li gie identifikat fl-awla.

Tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, il-Qorti ma ghandux ikollha dubju li l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha.

**It-Tieni (2) Imputazzjoni**
**(Pussess Aggravat tad-Droga Eroina):**

Illi taht it-tieni (2) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat b'pussess aggravat ta' eroina. Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Marius Magri** deciza fit-12 ta' Mejju 2005, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

"Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kinitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-Prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, *ossia* cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. **Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio** [26.8.1998]). Meta l-ammont tad-droga jkun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri** [2.9.1999].)

Illi pero` kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-Gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-Gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi *hard and fast rule* x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assiem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-Gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-Gudikant tkunx perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzjoni possibbli. (App. Krim. **Il-Pulizija vs. Brian Caruana** [23.5.2002])".

Illi fis-sentenza taghha tat-18 ta' Awwissu 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Abela**, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet hekk:

"Li stabbilit li kull kaz irid ikun studjat ghalih, kif ukoll li ndizju wiehed hu bizzejjed biex il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-pussess ikun wiehed aggravat, il-Qorti

> pero` trid tkun sodisfatta mill-provi migjuba li dawn iwasslu ghal din il-konkluzjoni. Meta l-ammont ma jkunx wiehed li normalment jassocja ma' uzu esklussiv da parti tal-possessur, ikun jispetta lill-imputat, imqar fuq bazi ta' probabbilta`, li jipprova li dak kien ghall-uzu esklussiv tieghu w dan bl-applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101".

Illi, b'zieda mal-gurisprudenza li ssir riferenza ghaliha hawn fuq, il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghad-decizjoni moghtija fit-2 ta' Settembru 1999 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jason Mallia**, fejn il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

> "Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni [l-*animus* li jispacca d-droga] allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni <u>mhix mehtiega</u> ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali *"li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati"*. Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga <u>li mhix bi hsiebha tuza</u>, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma "uzu" il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioé li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga *ossia* jabbuza minnha billi jikkonsmha. Ghalhekk, persuna li ma jkollhiex il-hsieb li tuza d-droga izda li zzomm dik id-droga ghandha minghajr raguni valida skond il-ligi biex eventwalment tara x'taghmel biha, ikollha mhux biss pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jinghad li hu ghall-uzu esklussiv taghha".

Illi, filwaqt li l-Qorti taghmel riferenza ghall-konkluzjonijiet raggunti mill-iSpizjar Mario Mifsud fir-rapport tieghu (Dok. "MM" – *a fol.* 100 *et seq.*), il-Qorti taghmel riferenza wkoll ghal dak li nghad hawn fuq u kif ukoll, b'mod partikolari, ghall-konsiderazzjonijiet li

saru fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni minhabba liema l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet pruvata u, in segwitu ta' dan kollu, ghandu jirrizulta lill-Qorti li anke t-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata. B'hekk l-imputat ser jinstab hati wkoll ta' din l-imputazzjoni b'dan illi din it-tieni (2) imputazzjoni ser titqies assorbita fl-ewwel (1) imputazzjoni *ai fini* tal-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat**

Illi huma l-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tal-imputat li gew sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghhom.

Illi, dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu, il-Qorti tinnota li fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Novembru 2006 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Rene sive Nazzareno Micallef** inghad is-segwenti:

> "Il-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta'. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta' dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena".

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabbilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu. Ghalhekk jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u *entro* dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' tittratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita' tippronunzja ruhha l-Qorti tal-Appell Kriminali. Fis-sentenza moghtija fit-13 ta' Novembru 2009 fil-kawza Il-**Pulizija vs. Maurice Agius** dik il-Qorti qalet hekk:

> "Huwa car [....] li l-ewwel haga li Qorti trid tiddeciedi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mil-ligi stess) mizuri bhal ordnijiet maghmula taht l-Att dwar il-*Probation* jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-Gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioé biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-Gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-Gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioé biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali

piena (ghal perjodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni [...]; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, ikun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-perjodu operattiv taghha (cioé ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati)".

Illi, wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni dak li nghad hawn fuq, il-Qorti ma tistax ma tinnotax ukoll is-segwenti:

- in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat li gew pruvati;

- il-fedina penali (*a fol.* 5 *et seq.* u *a fol.* 200 *et seq.*) tal-imputat;

- il-fatt li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat jirrisalu ghas-sena 2002 u ghat-trapass ta' zmien li hadet il-kawza odjerna biex tigi konkuza;

- il-fatt li, fis-seduta tal-15 ta' April 2015 (*a fol.* 171), l-iSpettur Nezren Grixti iddikjara l-applikabilita' ta' l-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 ghall-imputat fiz-zewg gradi tant li meta kien qed jixhed in kontro-ezami l-iSpettur Grixti kkonferma li l-imputat kien tah informazzjoni relattiva ghal finijiet ta' xoghol taghhom fi hdan id-*Drug Squad*;

- dak li jirrizulta mid-depozizzjoni moghtija mill-Ufficjal tal-*Probation* Anabel Bugeja (*a fol.* 187 *et seq.*) u mis-*Social Inquiry Report* (Dok. "AB 1" – *a fol.* 191 *et seq.*) redatt minnha u kif ukoll dak li jirrizulta mid-depozizzjoni moghtija minn Dr. Joseph Spiteri (*a fol.* 209 *et seq.*);

- il-fatt illi jirrizulta li l-unika kawza li l-imputat ghandu pendenti hija dik odjerna (*a fol.* 246);

- il-fatt li jirrizulta li l-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga nforma lill-Qorti li l-imsemmi Bord kien sodisfatt bil-process ta' riabilitazzjoni tal-imputat li ntemm b'success (*a fol.* 239);

- fl-ahhar Nota mibghuta mill-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga **qabel** nghad li r-riabilitazzjoni ntemm b'success, jinghad: *"Jason is doing very well and shows a lot of stability in his current lifestyle. This stability continues to confirm that he currently has no drug abuse related issues. At this point, with over 10 months of contacts with our service, Jason has proved beyond any doubt that his drug addiction problem is way past him. It is now time for him to move forward and severe all lingering ties with his past, mainly through the court case and his attendance at Sedqa"* (*a fol.* 237);

- meta nghad lill-Qorti li r-riabilitazzjoni tal-imputat intemm b'success, Joanne Buhagiar Fiott ezebiet dokument li gie mmarkat bhala Dok. "JBF 1" fejn inghad is-segwenti: *"At this point in time alter a full year of leaving clean urine samples, Jason Abela proved beyond any reasonable doubt that his drug abusing are way behind him. Moreover, Jason shows he has a very stable lifestyle and chances of him relapsing at this point in life seem to be very remote. For the above mentioned reasons I am highly recommending that the case be closed in order to help the client leave the last of the consequences he is still suffering because of his past court case behind. This will finally help Jason to look ahead without any pending impediments from his past"* (*a fol.* 244).

Illi l-Qorti tinnota li ser tapplika Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta fiz-zewg gradi, u dana in segwitu ta' dak dikjarat mill-iSpettur Nezren Grixti kif hawn fuq imsemmi, u, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, inkluz ta' dak li nghad fid-Digriet moghti fil-15 ta' Marzu 2017 (*a fol.* 216 *et seq.*) fejn il-Qorti laqghet it-talba tad-difiza sabiex din il-Qorti tigi konvertita f'Qorti dwar id-Droga, u tenut kont tal-atti probatorji rizultanti f'dan il-kaz, il-Qorti hija tal-fehma illi ghandu jigi applikat l-proviso ta' l-Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 u cioé illi la darba hija sodisfatta fuq bilanc ta'

probabbilitajiet illi r-reati li dwarhom l-imputat qed jinstab hati kienu principalment attribwibbli ghad-dipendenza tieghu fuq id-droga, il-Qorti ser tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' prigunerija jew l-eskluzjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' *probation* jew tas-sospensjoni tat-terminu ta' prigunerija.

Ghaldaqstant, il-Qorti ser tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' multa u ghall-piena ta' prigunerija t-terminu ta' liema ser ikun sospiz.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat

Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

Taqsimiet 4 u 6, Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta,

Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Ligijiet ta' Malta,

u

Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta u b'mod partikolari l-proviso tas-sub-Artikolu (7) tal-istess Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta,

issib lill-imputat Jason Abela hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' hames mitt Euro (€500) u ghall-perijodu ta' tnax-il (12) xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perjodu ta' sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

*Ai termini* tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-hati Abela sabiex fi zmien sena millum ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-espert f'dawn il-

proceduri u cioé is-somma ta' tliet mija u dsatax-il Euro u erbgha u hamsin centezmu (€319.54).[7]

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita (u tal-affarijiet relatati maghha) hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi Process Verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**

[7] Spizjar Mario Mifsud (Dok. "MM" – *a fol.* 105 *tergo*) (Lm137.18 – €319.54).